StudentBounty.com

EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA TAL-ISKEJJEL PRIMARJI 2012

IL-ĦAMES SENA | STUDJI SOĊJALI | ĦIN: 1 ¼ HR

Isem: ______________________________ Klassi: _____________

TOTAL TAL-MARKI

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Imla ismek u kunjomok kif ukoll il-klassi. TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.




www.StudentBounty.com

**A.** **Dawn huma ħames stampi ta' postijiet li nsibu fl-Imdina. Fit-tabella għandek l-ismijiet ta' dawn il-ħames postijiet. Ikteb l-isem it-tajjeb ħdejn kull stampa. Ara l-eżempju:**

| | |
|---|---|
| * **L-Imdina** | Palazzo Falzon |
| Il-Bieb tal-Imdina | Mużew tal-Istorja Naturali |
| Il-Katidral tal-Imdina | Triq fl-Imdina |

1.



***L-Imdina***

2.



________________

□□□ ______________

3.



________________

________________

www.StudentBounty.com

| | |
|---|---|
| 4.  | _______________ <br> _______________ |
| 5.  | _______________ <br> _______________ |
| 6.  | _______________ <br> _______________ |

(5 X 1 marka = 5 marki)

www.StudentBounty.com

**B.** **Aqra sew dawn is-sentenzi dwar l-Imdina, imbagħad wieġeb sew billi timmarka (X) ħdejn it-tweġiba t-tajba biss. Ara l-eżempju:**

| | | |
|---|---|---|
| 0. Il-belt tal-Imdina qiegħda | fuq l-irdum ta' Ħad-Dingli | |
| | fuq għolja | X |
| | viċin il-Port il-Kbir | |

| | | |
|---|---|---|
| 1. L-Imdina hija mdawra | bis-swar għoljin | |
| | bil-muntanji | |
| | bil-baħar Mediterran | |

| | | |
|---|---|---|
| 2. L-Imdina hija qrib | San Pawl il-Baħar | |
| | Marsaxlokk | |
| | ir-Rabat | |

| | | |
|---|---|---|
| 3. Fl-antik l-Imdina kienet | il-belt lussuża | |
| | il-belt kapitali | |
| | il-belt moderna | |

| | | |
|---|---|---|
| 4. Bit-terremot tal-1693 | xi bini fl-Imdina għereq | |
| | xi bini fl-Imdina waqa' | |
| | xi bini fl-Imdina ċċappas bit-tajn | |

| | | |
|---|---|---|
| 5. Fl-Imdina nsibu toroq | kollha ħofor | |
| | dojoq u mserpin | |
| | bla tarmak | |

(5 X 1 marka = 5 marki)

**Ċ.** **Agħmel sinjal (X) ħdejn 5 postijiet li tista' tara fiċ-Ċittadella.**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Mużew Marittimu | | Il-Mużew tal-Folklor | | Palazz Verdala | |
| Il-Katidral | | Ħaġar Qim | | Il-Mużew tal-Arkeoloġija | |
| It-Torri tal-Arloġġ | | Il-Mużew tal-Istorja Naturali | | Il-Barrakka ta' Fuq | |

(5 X 1 marka = 5 marki)

www.StudentBounty.com

**D. Ikteb VERU jew FALZ. Ara l-eżempju:**

| | | |
|---|---|---|
| **0.** | **Iċ-Ċittadella hija mibnija fuq għolja.** | **VERU** |
| 1. | Fiċ-Ċittadella nsibu ħafna toroq dojoq. | |
| 2. | Iċ-Ċittadella hija belt imdawra bil-baħar. | |
| 3. | Il-Katidral taċ-Ċittadella għandu koppla kbira. | |
| 4. | Il-Katidral taċ-Ċittadella huwa ddedikat lil Santa Marija. | |
| 5. | Iċ-Ċittadella tixbah ħafna lill-Belt Valletta. | |

(5 X 1 marka = 5 marki)

**E. Dawn huma kliem li għandhom x'jaqsmu mat-temp estrem. Poġġihom ħdejn it-tifsira eżatta tagħhom.**

nixfa

tromba

uragan

valanga

għargħar

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Mexa lejn l-art b'veloċità ta' 48 kilometru fis-siegħa. Kif resaq lejn l-art kaxkar kull ma sab – nies, djar, annimali, fabbriki u toroq. | |
| 2. | Waqt li xi turisti kienu għaddejjin minn ħdejn il-muntanji, tgerbet għal isfel blokka silġ u għalqet it-triq. | |
| 3. | F'ħafna pajjiżi fl-Afrika nuqqas kbir ta' xita toqtol eluf ta' nies bil-ġuħ. | |
| 4. | Kwantità kbira ta' ilma jinġabar miċ-ċpar u jinħoloq speċi ta' lembut mis-sema għal isfel li jerfa' u jġorr miegħu dak li jsib. | |
| 5. | Xita qawwija li ddum nieżla għal bosta jiem u li tkaxkar dak li jiġi quddiemha. | |

(5 X 1 marka = 5 marki)

www.StudentBounty.com

**F. Kompli dan il-paragrafu dwar Gonsalvo Monroy bil-kliem fit-tabella.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Tletin | kastell | kiefer | flus | Taxi |
| Qamu | libertà | Malta | Spanja | Kanonċi |



Is-Sultan Alfonsu ta' _______________ biegħ il-gżi sinjur tiegħu, Antonio Cardona għal ___________ wiegħed lil Maltin li ma kien se jbiddel xejn mi żamm kelmtu. Ġara li wara ħames snin Antonio jbigħ il-gżejjer tagħna lil Gonsalvo Monroy _____________ u rgħib għall-aħħar.

Monroy ried iġib lura l-flus li kien ħareġ u kompla żied it- _________ minkejja li l-Maltin kienu fqar ħafna. Fl-aħħar il-Maltin xebgħu, _________ kontrih, serqulu kull ma kellu u keċċewh minn ___________. Kostanza, il-mara ta' Monroy sabet ruħha maqfula fil-_____________ Sant'Anġlu ma' xi ħbieb ta' Monroy. Il-Maltin bagħtu żewġ ______________ u sindku għand is-Sultan Alfonsu biex jispjegawlu x'kien ġara. Il-Maltin urew ix-xewqa li kienu lesti li jħallsu l-_____________ li kien ħareġ Monroy biex jifdu lil arthom. Is-sultan iddispjaċieh għal dak li kien ġara u aċċetta t-talba tal-Maltin. Is-sultan ħareġ digriet li fih ta l- _____________ lill-poplu Malti magħruf bħala l-Manja Karta tal-Ħelsien.

(10 X 1 marka = 10 marki)

www.StudentBounty.com

**Ġ.** **Wara żjara li għamilt il-Birgu mal-għalliema u sħabek tal-klassi, in-nanna staqsietek xi mistoqsijiet dwar x'rajt. Inti x'weġibtha?**





Nanna: Il-Birgu jmiss mal-Kalkara u ma' belt oħra. Taf liema hi?

Inti: Il-Birgu jmiss ma' ______________________________.

Nanna: Min hu l-qaddis patrun tal-Birgu?

Inti: Il-qaddis patrun tal-Birgu hu ________________________.

Nanna: Taf meta n-nies tal-Birgu jiċċelebraw il-festa tal-qaddis patrun tagħhom?

Inti: Iva Nanna naf! Fl- ______________________________.

Nanna: Tajjeb ferm. Issa taf tgħidli x'jismu l-kastell li nsibu fil-ponta tal-Birgu?

Inti: Il-Kastell ______________________________________.

Nanna: Max-xatt tal-Birgu hemm mużew li fih hemm miġbura ħafna mudelli ta' xwieni, vapuri u dgħajjes li għandhom x'jaqsmu mal-istorja navali ta' Malta. Qaltilkom x'jismu l-għalliema?

Inti: Iva Nann, morna fil- _____________________________.

Nanna: Qabel ma' marru l-Belt Valletta, il-Kavallieri bnew djar kbar fil-Birgu. Taf x'jgħidulhom?

Inti: Jgħidulhom _______________. Fadal biss tlieta minnhom.

Nanna: Fil-Birgu hemm palazz kbir ħafna li kien iservi ta' Qorti tal-Knisja. Taf x'jismu?

www.StudentBounty.com

Inti: Iva, magħruf bħala l-Palazz ________________________.

Nanna: Dan l-aħħar ix-xatt tal-Birgu ġie rranġat u fih għamlu post fejn jorbtu l-jottijiet u dgħajes kbar oħra. Taf x'jissejjaħ dan il-post?

Inti: Jissejjaħ ________________________.

Nanna: Quddiem il-Knisja tal-Birgu hemm monument li jfakkar l-għeluq tal-bażi Ingliża f'Malta. Taf x'jgħidulu?

Inti: Jgħidulu l-Monument tal- ___________________________.

Nanna: Taf min kien il-perit li għamel id-disinn tal-Knisja storika tal-Birgu?

Inti: Il-perit kien ______________________________________.

Nanna: Prosit tassew! Tidher li tgħallimt ħafna minn din il-ħarġa.

(10 X 1 marka = 10 marki)

**G. Din hija lista ta' xi affarijiet li jista' jkun hemm f'belt jew raħal Malti. Ikteb ħdejn kull waħda jekk humiex Tajbin jew Ħżiena.**

1. Skejjel nodfa ___________
2. Funtani ma jaħdmux ___________
3. Kaxxi tat-Take-Away fl-art ___________
4. Fjuri u siġar ___________
5. Librerija Pubblika ___________
6. Niċeċ sbieħ ___________
7. Ġirien li mhuxiex ħbieb ___________
8. Bankijiet imkissrin ___________
9. Sqaq miżmum nadif ___________
10. Boroż tal-iskart fl-għelieqi ___________

(10 X 1 marka = 10 marki)

www.StudentBounty.com

**GĦ. Qabbel Kolonna A ma’ Kolonna B. L-ewwel waħda mogħtija bħala eżempju.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 0 | It-temp ta’ sena sħiħa nsejħulu | | minn 30 grad celcius |
| 1 | It-temp jinbidel skont | | f’erbgħa u għoxrin siegħa |
| 2 | Mir-rapport tat-temp tal-ġurnata insir naf kif inhuma l-kundizzjonijiet tal-arja | | fil-gżejjer Maltin |
| 3 | Bih inkejlu t-temperatura | | bil-millimetri |
| 4 | Fis-sajf it-temperatura spiss titla’ ’l fuq minn | | Grigal |
| 5 | Matul ix-xitwa spiss tagħmel | 0 | Klima |
| 6 | Bih inkejlu l-qawwa tar-riħ | | Uffiċċju Meteoroloġiku |
| 7 | Insibu klima Mediterranja | | l-istaġun |
| 8 | L-ammont ta’ xita li tkun niżlet titkejjel | | Anemometru |
| 9 | Riħ kiesaħ u qawwi ħafna | | Termometru |
| 10 | Ir-rapport tat-temp joħroġ mill- | | ix-xita |

(10 X 1 marka = 10 marki)

www.StudentBounty.com

**Ħ. Ħares sew lejn l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet.**



1. L-art ta' dan il-pajjiż tidher li xxaqqet u nqasmet. Biex taħseb li ġara hekk?

_______________________________________________

2. Semmi żewġ affarijiet oħra li jiġru meta jinħassu dawn it-tip ta' skossi fid-dinja.

(i) _______________________________________________

(ii) _______________________________________________

3. Ċaqliq u skossi li jiġru taħt il-baħar jikkawżaw _______________.

4. X'taħseb li jagħmlu n-nies li jsalvaw wara li fir-raħal jew belt tagħhom ikunu ħassew dawn it-tip ta' ċaqliqiet kbar?

_______________________________________________

_______________________________________________.

(5 X 1 marka = 5 marki)

www.StudentBounty.com

**H. Aqra din is-silta u mbagħad wieġeb. Bil-għajnuna tas-silta uri kif Marija għandha dawn il-karatteristiċi. Ħares lejn l-eżempju:**



Marija hija tifla li tieħu gost toqgħod ħdejha. Għandh
qatt ma tinsa tgħid 'GRAZZI' u 'JEKK JOGĦĠBO
bżonn xi ħaġa mill-ewwel tgħinek. Jekk xi ħadd fil-kl
toqgħodx tidħak bih imma turih kif jista' jirranġa da
Marija hija tifla li dak li għandha tagħmel tagħmlu
taħseb ħafna qabel tgħid jew tagħmel xi ħaġa biex ż
ħadd. Meta jkun hemm xi ħadd mill-klassi li jippro
qatt ma tinnervja u ma tiħux għaliha mix-xejn. Mari
jew twaqqa' għaċ-ċajt u magħha tħossok komda. Jek
gomma, araha mill-ewwel tisilfek tagħha. Marija ma tistħix. Fil-fatt, mhux l-ewwel darba li waqt l-assembly taqra xi poeżija sabiħa li tkun kitbet hija stess. Barra minn hekk, Marija dejjem tgħid xi ċajta li taqsam lil kulħadd bid-daħk. Marija qatt ma tasal tard la l-iskola u lanqas il-mużew. Meta jkollna bżonn nagħmlu xi ġabra għall-foqra, Marija tkun l-ewwel waħda li tagħti xi ħaġa. Marija hija tifla maħbuba għax ħadd qatt ma qabadha f'gidba.

**Eż: Kalma:** Meta xi ħadd mill-klassi jaqbad magħha qatt ma tinnervja.

1. Sinċiera: ______________________________________________
2. Umoristika: ____________________________________________
3. Ġeneruża: _____________________________________________
4. Altruwista: _____________________________________________
5. Edukata: _______________________________________________
6. Bieżla: ________________________________________________
7. Puntwali: ______________________________________________
8. Personalità: ____________________________________________
9. Għaqlija: _______________________________________________
10. Pożittiva: _____________________________________________

(10 X 1 marka = 10 marki)

**I. Dawn l-istampi qed juruk pajesaġġi differenti. Bil-għajnuna tal-istampi imla l-vojt f'dan il-paragrafu.**

www.StudentBounty.com





______

’ deże

il-jum

xxa ħafna u anke tinżel taħt iż-

___________. Fid-deżert sħun tara ħafna ______________ tar-ramel li jiffurmaw bir-riħ qawwi li jonfoħ ir-ramel minn post għall-ieħor. L-Eskimos, l-abitanti tad-deżert kiesaħ jgħixu f’____________ magħmulin bil-blokki tas-silġ. Dawn ikunu qishom koppli żgħar b’bieb baxx biex jilqgħu l-kesħa. Fix-xitwa l-baħar tad-deżert kiesaħ jiffriża u jagħqad f’silġ. L-Eskimos ma jkunux jistgħu joħorġu jistadu bil-_____________ tagħhom. Għalhekk minflok imorru għall-kaċċa fuq slitti miġbudin minn ċriev jew minn razza ta’ klieb jgħidulhom ______________. Fid-deżert sħun, in-nies jgħixu ġot-tined viċin post fejn ikun hemm l-ilma taħt l-art. Dawn il-postijiet jissejħu ___________ u hawn jikbru siġar tat-tamar. L-abitanti tad-deżert sħun jivvjaġġaw permezz tal-___________ minħabba li dan hu annimal li jgħaddi mingħajr ma jixrob ilma għal żmien twil. Fid-deżert sħun magħruf bħala Sahara instabu ħafna bjar taż- _________ li jiġi esportat lil ħafna pajjiżi madwar id-dinja.

(10 X 1 marka = 10 marki)



**J. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1. Semmi żewġ affarijiet li jagħżlu lil Malta minn pajjiżi oħrajn.

(i) ___________________________

(ii) ___________________________

www.StudentBounty.com

2. Permezz tat-telefon, televixin, internet, e-mails u gazzetti nistgħu nikkomunikaw bejnietna kemm f'Malta kif ukoll ma' pajjiżi oħrajn. X'insejħulhom dawn il-mezzi li jgħinu biex jgħaqqdu pajjiż ma' ieħor?

(i) Insejħulhom ________________________________________

3 (i) X'tip ta' lingwa hu l-Malti?

________________________________________

(ii) Għaliex lil-lingwa Maltija nsejħulha hekk?

________________________________________

4.(i) Fejn insibuh miktub dan il-kliem: **'Agħti kbir Alla, id-dehen lil min jaħkimha' ?**

________________________________________

(ii) Min kiteb dan il-kliem?

________________________________________

5. L-għana hija parti mill-kultura Maltija. Semmi tliet affarijiet oħra li jagħmlu parti mill-kultura ta' pajjiżna.

(i) ____________________________

(ii) ____________________________

(iii) ____________________________

(10 X 1 marka = 10 marki)

TMIEM IL-KARTA

www.StudentBounty.com